MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1288/2010

**Helen Vella, it-Tabib Gunther Abela u t-Tabib Jurgen Abela**
**vs**
**Mario Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-14 ta' Dicembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi fil-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) mietet Maria Concetta maghrufa bhala Connie Vella li kellha karta tal-identita bin-numru 462249(M), u dan kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok. HV1;

2. Illi s-successjoni ta' Maria Concetta maghrufa bhala Connie Vella hija regolata b'testment unica charta fl-atti tan-Nutar Marthese Felice tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010), u dan kif jirrizulta mir-ricerki

testmentarji, hawn annessi u mmarkati bhala Dok. HV2 u Dok. HV3;

3. Illi skond it-tmien (8) artikolu ta’ dan it-testment tas-17 ta’ Marzu 2010, hawn anness u mmarkat bhala Dok. HV4, il-konvenut Mario Vella huwa l-uniku eredi tat-testatrici Maria Concetta maghrufa bhala Connie Vella;
4. Illi t-testatrici Maria Concetta *sive* Connie Vella kienet proprjetarja tan-nofs indiviz (1/2) tal-fond bin-numru sbatax (17), Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara;

5. Illi permezz tat-tielet (3) artikolu tat-testment taghha tas-17 ta’ Marzu 2010 t-testatrici Maria Concetta *sive* Connie Vella halliet b’titolu ta’ legat 8.33% mill-intier ossia 1/12 indiviz tal-fond bin-numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara lill-attrici Helen Vella u 8.33% mill-intier ossia 1/12 indiviz ta’ l-istess fond bin-numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara lill-atturi Gunther u Jurgen Abela flimkien;

6. Illi l-atturi talbu lill-konvenut Mario Vella, bhala l-eredi universali ta’ Maria Concetta *sive* Connie Vella, sabiex jimmittihom fil-pussess ta’ dawn il-legati mhollija lilhom permezz tat-testment tas-17 ta’ Marzu 2010, u dan anki permezz ta’ ittra ufficjali ta’ l-4 ta’ Novembru 2010 u ittra interpellatorja ohra tat-2 ta’ Dicembru 2010, li kopji taghhom huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok. HV5 u Dok. HV6, izda l-konvenut baqa’ inadempjenti u qed jirrifjuta li jaghmel dan;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

i. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jimmitti lill-atturi fil-pussess tal-legati mhollija lilhom mit-testatrici Maria Concetta *sive* Connie Vella bit-testment taghha tas-17 ta’ Marzu 2010 konsistenti dawn il-legati fi 8.33% mill-intier ossia 1/12 indiviz tal-fond bin-numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara lill-attrci Helen Vella u fi 8.33% mill-intier ossia 1/12 indiviz ta’ l-istess fond bin-

numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara lill-atturi Gunther u Jurgen Abela flimkien, u b'hekk jipprestalhom dawn il-legati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; u

ii. Tahtar ghalhekk nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att pubbliku relattiv, kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att pubbliku u tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess att pubbliku;

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Novembru 2010 kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt in subizzjoni;
Rat li l-konvenut baqa' kontumaci u b'digriet tal-Qorti tal-11 ta' April 2011, il-Qorti cahdet talba tal-konvenut biex jiskuza l-kontumacja tieghu wara li semghet il-provi in konnessjoni ma' tali talba;

Rat il-provi kollha migjuba, hadet konjizzjoni tad-dokumenti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-6 ta' Ottubru 2011.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-atturi qed jitolbu li jigu immessi fil-pussess ta' legat imholli lilhom minn Maria Concetta Vella, mart il-konvenut, eredi taghha.

Il-fatti huma s-segwenti. Maria Concetta Vella mietet fil-5 ta' April 2010. Hi halliet testment datat 17 ta' Marzu 2010 fejn fost affarijiet ohra halliet 8.33% mill-intier tal-fond 17 Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara lill-ohta, l-attrici Helen Vella u 8.33% tal-intier tal-istess proprjeta lill-neputijiet taghha l-atturi Gunther u Jurgen ahwa Abela. Halliet lil zewgha Mario 16.66% tal-intier tal-istess proprjeta b'legat, filwaqt li hallietlu l-uzu u l-uzufrutt tal-intier tal-proprjeta sakemm jibqa' armel ghalkemm iddikjarat li taf li l-proprjeta ma kienitx kollha tappartjeni lilha (ara Dok. HV1 sa HV4).

Jirrizulta mill-atti illi fil-fatt il-proprjeta tal-fond 17 Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara kienet tappartjeni lilha u lill ohtha indivizament. Dan hu konfermat kemm mill-affidavit ta' Antoinette Debono u l-causa mortis tal-istess Maria Concetta Vella pprezentata minn zewgha Mario Vella (ara Dok. HV 16 u Dok. HV19 rispettivament).

**Ligi**

L-azzjoni attrici hi bbazata fuq l-artikolu 726 tal-Kodici Civili li jghid hekk:

726. (1) Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat.
(2) Fil-każ ta' beni immobbli l-legatarju jista' jitlob li l-għoti ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku.
(3) Kemm-il darba t-testatur ma jkunx iddispona xort'oħra, l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-att għandhom jitħallsu mil-legatarju.

Inoltre skond l-artikolu 845, l-azzjoni biex jintalab legat tispicca bl-gheluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni.

Kif qalet il-Qort fil-kawza **Rev. Patri Frangisku Azzopardi et vs Maria Hilda Cauchi** (PA 14.10.2004 TM) fejn ikkwotat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell **Baldacchino noe vs Mifsud noe** (AC 29.02.1999):

Il-proprjeta' libera tal-legat tappartjeni lill-legatarju sa mill-gurnata tal-mewt tat-testatur, tant illi l-istess legatarju huwa paragunat bhala "kreditur" tal-wirt. Bhala "kreditur", l-oggett ma jkunx f'idejh qabel ma jinghata pussess tal-oggett tal-kreditu. L-immissjoni fil-pussess tal-legat hija "c-cavetta" ta' l-istitut kollu. L-immissjoni fil-pussess tista' tinghata jew espressament jew tacitament, u jinghad li hemm immissjoni fil-pussess tacita, meta l-legatarju jiehu pussess materjali ta' l-oggett u l-eredi ma jaghmilx oppozizzjoni.

Inoltre skond il-**Laurent (Diretto Civile Vol XIV para 21 et seq)**:

Sakemm ma jottjeniex minghand l-eredi (jew l-ezekutur testamentarju) ir-rilaxx tal-oggett legat, il-legatarju ma jistghax jiehu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jottjeni dan ir-rilaxx, il-legatarju jkun proprjetarju, izda d-dritt tieghu ta' proprjeta' jkun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jezercitah. Id-dritt tal-legat hu dritt ta' proprjeta', izda jibqa' dritt incert u suggett ghall-kontestazzjoni sakemm ma jigix immiss fil-pussess.

L-istess sentenza fuq riferita **Azzopardi vs Cauchi** izzid ukoll hekk:

Zgur li l-ligi riedet illi l-legatarju, anke jekk isir effettivament proprjetarju tal-legat fil-mument tal-mewt tat-testatur, m'ghandux id-disponibilita' shiha ta' l-oggett lilu legat sakemm ma jigix immess fil-pussess tieghu mill-werrieta, li min naha taghhom, sa dak il-mument, ma jistghux jiddisponu minnu proprju ghalhiex ikun thalla lil haddiehor. Hu proprju ghalhekk li l-legatarju ma jistax jezercita l-azzjoni rivendikatoria kontra terzi pussessuri tal-fond li jifforma l-oggett legat qabel ma jkun gie immiss fil-pussess tieghu.

Dan premess, ma jfissirx li legatarju, sakemm jinghata l-pussess tal-legat, ma jista' jaghmel xejn biex jikawtela l-interessi tieghu. Legatarju li ma jkunx ghadu nghata pussess tal-oggett tal-legat jista' jitqies bhala kreditur li ghandu l-kreditu tieghu soggett ghall-kundizzjoni suspensiva, cioe', li tiddependi minn grajja li ghad trid tigri (l-immissjoni fil-pussess). Issa, skond l-artikolu 1062 tal-Kodici Civili, kreditur jista', qabel ma ssehh il-kondizzjoni, jaghmel l-atti kollha mehtiega "biex izomm shah il-jeddijiet tieghu".

Ovvjament jekk it-testatur ghandu biss parti mill-proprjeta, il-legat hu applikabbli biss ghal-dik il-parti. F’din il-kawza l-legat imholli jappartjeni lit-testaturi ghax ma jissuperax is-sehem li Maria Concetta Vella kellha fuq l-istess proprjeta.

**Konkluzzjoni**

Il-konvenut gie notifikat b'ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru 2010 (Dok. HV5) b'intimazzjoni biex jimmetti lill-atturi fil-pusses tal-legat fi zmien gimgha u fin-nuqqas jittiehdu l-passi necessarji. Il-konvenut lanqas jidher li wiegeb din l-ittra. Nonostante dan rega' gie interpellat b'ittra legali fit-2 ta' Dicembru 2010 u rega' ma wegibx hlief wara prezentata tal-kawza. Ghalhekk l-atturi huma gustifikati jirrikorru l-Qorti.

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut fejn fiha saru xi allegazzjonijiet dwar nuqqas ta' prokura biex wiehed mill-atturi jigi rapprezentat. Din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta' tali allegazzjonijiet billi dawn mhumiex sottomissjonijiet izda eccezzjonijiet li kellhom jitressqu b'mod formali u mhux f'nota ta' sottomissjonijiet. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Carmelo Vella vs Angelo Zahra** (PA 25.06.2009RCP) 'difizi jitressqu fir-risposta guramentata u mhux fin-nota ta' osservazzjonijiet jew nota ta' referenzi'.

F'dan il-kaz jirrizulta mill-provi w atti esebiti illi l-atturi ghandhom il-jedd li jitolbu lill-konvenut bhala eredi ta' Maria Concetta Vella li jimmettihom fil-pussess tal-legat imholli lilhom kif trid il-ligi u dan billi jirrizulta li l-legat hu wiehed validu maghmul a favur tal-atturi u ma hemmx raguni fil-ligi ghalfejn il-konvenut ghandu jirrifjuta li jimmetti l-atturi fil-pussess tal-legat kif mitlub.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u ghal fini tat-tieni talba tahtar lin-Nutar Timothy Ellis biex jippubblika l-att pubbliku relattiv fil-15 ta' Novembru 2011 fil-bini tal-Qorti u tinnomina lil Dr. Noel Bartolo bhala kuratur ghal kontumacja fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kollha nkluz tal-kuratur ghal kontumacja a karigu tal-konvenut bl-eccezzjoni tal-ispejjez u drittijiet notarili tal-att pubbliku li jkunu a karigu tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------